**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002**

**Numru 9**

**Avviz numru 822/02JR**

**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Charmaine Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija (Lm312.00), rapprezentanti import ta' erba' kambjali, kollha ta' tmienja u sebghin lira (Lm78.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru, 2001 sa Marzu, 2002, rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 4 konsekuttivament u inklussivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal sitt liri Maltin (Lm6.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-14 ta' Gunju, 2002, li biha gie cedut is-sorte filwaqt li nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**